ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto)** **IS-SITT KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 39** **IT-TNEJN 9 TA' FRAR 2015**

Il-Kunsill Lokali kellu jiltaqa' nhar it-Tnejn 9 ta' Frar 2015 fis-6.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Tmien Kunsilliera)**

Rosianne Cutajar, Jesmond Aquilina, Ralph Puli, Bjorn Azzopardi, Charles Farrugia, Jerome Caruana Cilia, Margaret Mercieca u Sean Meli flimkien mal-Ambaxxatriċi għaż-Żgħażagħ Brenda Fenech.

Is-S.E. informa li l-Kunsilliera Jason Busuttil, Robert Cremona u Antoine Saliba Haig infurmawh bil-miktub li ma setgħux jattendu għas-seduta peress li kellhom impenji oħrajn.

Fiċ-ċirkostanzi l-Kunsill qies dawn ir-raġunijiet bħala validi u għalhekk il-Kunsilliera Antonie Saliba Haig, Robert Cremona u Jason Busuttil ġew meqjusa bħala skużati għal-laqgħa.

**TALBA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** qalet it-talba u infurmat lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt tal-Kunsill.

**39/01/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 38**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 38 li nżammet nhar it-Tnejn 12 ta' Jannar 2015, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** issekonda l-mozzjoni tas-Sindku.

**Ivvutaw Favur Tmien** Kunsilliera (08) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 38 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**39/01/02 MINUTI TAL-LAQGĦA ANNWALI TAL-LOKALITA'**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tal-laqgħa annwali tal-lokalita' li nżammet nhar il-Erbgha 28 ta' Jannar 2015, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** issekonda l-mozzjoni tas-Sindku.

**Ivvutaw Favur Tmien** Kunsilliera (08) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tal-Laqgħa Annwali tal-Lokalita' ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill innota li ma kienx hemm punti li tqajjmu mill-pubbliku li kienu jeħtieġu diskussjoni.

**39/02 MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

**39/02/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-proġett ta' tisbiħ tal-ġnien fi Triq Alexandra miexi b'rittmu tajjeb u li dan għandu jkun lest qabel it-tmiem ta' din il-leġislatura.

**39/02/02** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** informat lill-Kunsill li flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv attendew għall-intervista' quddiem il-Bord dwar l-iskema ta' proġetti kapitali, fejn tressqet prezentazzjoni dwar il-proġetti pproposti mill-Kunsill. Is-Sindku Rosianne Cutajar kompliet li l-Kunsill kien professjonali ħafna fil-prezentazzjoni u l-Bord deher interessat fil-proposti li ressaq il-Kunsill.

**39/02/03** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li beda ix-xogħol ta' bdil ta' bankini fi Triq il-Poezija u fi Triq l-Iskola. Ix-xogħol fi Triq l-Għana, Triq Lydda u Triq il-Ġnien (parti) kellu jittardja peress li dan jinkludi asfaltar u għaldaqstant kien hemm bzonn xi permessi biex isiru xogħlijiet tas-servizzi tad-drenaġġ u ilma. Fil-ġranet li ġejjin se jsiru wkoll bdil ta' bankini f'partijiet minn Triq il-Belt Valletta u Triq l-Isqof Scicluna.

**39/02/04** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** fakkret li se toħroġ edizzjoni specjali tad-Dielja, fejn il-Kunsilliera huma mistiedna li jagħmlu artiklu ta' mhux aktar minn 500 kelma. Dan għandu jintbagħat sa mhux aktar tard mill-25 ta' Frar 2015.

**39/02/05** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-fencing fil-picnic area biex ikun hemm aktar sigurta' tlesta wkoll. Is-Sindku Rosianne Cutajar kompliet li l-Kunsill ircieva kliem ta' tifħir dwar dan ix-xogħol li sar li kompla jsebbaħ din il-picnic area li qed tintuza mill-pubbliku frekwentament.

**39/02/06** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-Kunsill ta' Ħal Qormi ġie magħzul bħala wieħed minn erba' lokalitajiet fejn fihom se jsiru korsijiet *Għaqal id-Dar, Ħajja Aħjar*. Dawn il-korsijiet organizzati mill-Ministeru għas-Solidarjeta Socjali u l-Familja huma intizi biex ikun hemm taħriġ dwar kif wieħed ikun jista' jimmanniġja l-flus fit-tmexxija tad-dar.

**39/02/07** **Il-Vici-Sindku Jesmond Aquilina** xtaq jiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill li huwa talab biex il-Kunsill jagħmel rapport tekniku dwar in-nuqqasijiet li hemm fi Triq Ġorġ Mifsud Chircop ħalli jgħaddih lill-awtoritajiet. **Is-Sindku Rosianne Cutajar** wieġbet li dan il-pass ilu li ttieħed mill-Kunsill fejn kien talab dan ir-rapport li jsir mill-perit tal-Gvern u m'hemmx għalfejn il-Kunsill jonfoq flus biex iqabbad lill-perit tal-Kunsill għal rapport li diġa sar. **Is-Sindku Rosianne Cutajar** qalet li se titlob biex jintbagħat dan ir-rapport ħalli jitressaq lill-awtoritajiet.

## 39/03 PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' JANNAR 2015

**Is-Sindku** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Jannar 2015, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti. **DOK 'A1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Jannar 2015
**b)** *Bank Payments* Jannar 2015.
**c)** *Petty Cash* Jannar 2014.

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Kunsillier Sean Meli** ssekonda.

**Ivvutaw Tmien** Kunsilliera (8) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill approva** l-pagamenti kollha.

## 39/04 MOZZJONIJIET

### 39/04/01 MOZZJONI 121/2015

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet il-mozzjoni nru 121/2015:

*Peress li l-ġnien li hemm fi Triq Alexandra jinsab bla isem;*

*Peress li tul ħajtu wettaq ħidma ta' ġieħ fuq livell nazzjonali fejn kien Ministru, Aġent President tar-Repubblika, kif ukoll tabib tal-familja, jixraq li din il-personalita'li għexet f'Ħal Qormi tibqa' mfakkra;*

*Nipproponi biex il-Kunsill jirrakkomanda lill-Kumitat tat-Tismija tat-Toroq biex il-ġnien fi Triq Alexandra jissemma' Ġnien George Hyzler*

.

**Il-Kunsilliera kollha prezenti** issekondaw din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Tmien** Kunsilliera (8) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova** l-mozzjoni 121-2015(VI). Il-Kunsill għandu għaldaqstant jibgħat ir-rakkomandazzjoni għall-approvazzjoni tal-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq.

**39/04/02 MOZZJONI 122/2015**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lill-Kunsillier Ralph Puli sabiex iressaq il-mozzjoni nru 122/2015. Il-Kunsillier Ralph Puli ressaq din il-mozzjoni:

*Billi l-Kunsill Lokali Qormi huwa kommess li jfakkar dak li lilna jtina l-identita' Qormija.*

*Nipproponi li l-Kunsill Lokali Qormi jfakkar il-mitejn sena mill-pesta f'Ħal-Qormi b'xi tifkira kommemorattiva bħal plakka jew monument li tfakkar dan l-avveniment storiku u li affetwa lill-antenati tagħna.*

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** ssekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Tmien** Kunsilliera (08) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova** l-mozzjoni 122-2015(VI). Peress li f'Jum Ħal Qormi ta' din is-sena se jiġi mfakkar dan l-anniversarju, il-Kunsill qabel li din il-plakka (mhux monument) għandha tkun bħala parti mill-attivitajiet ta' Jum Ħal Qormi ta' din is-sena.

**39/04/03** **MOZZJONI 123/2015**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lill-Kunsillier Ralph Puli sabiex iressaq il-mozzjoni nru 123/2015:

*Billi l-Kunsill Lokali Qormi huwa kommess li joffri kwalita ta' ħajja aħjar lil kull min juża t-toroq tagħna.*

*U billi l-Kunsill Lokali Qormi huwa kommess li t-toroq f'Ħal-Qormi jkunu ta' kwalita aħjar.*

*Nipproponi li l-Kunsill Lokali Ħal Qormi jipproponi lil Transport Malta biex Triq l-Iljun issir bi tlett karreġġjati. Żewġ karreġġati għandhom isiru inti u ġej mid-direzzjoni tal– Park and Ride, karreġġata minnhom tagħti għal Marsa u l-karreġġata l-oħra biex tintuża minn dawk li jridu jmorru lejn Mdina Road. Fl-istess ħin dan għandu jservi biex jassigura li vetturi ma jipparkjawx b'mod abbusiv.*

.

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** issekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Tmien** Kunsilliera (08) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova** l-mozzjoni 123-2015(VI). Il-Kunsill għandu jressaq it-talba quddiem Transport Malta għall-approvazzjoni.

**39/04/04** **MOZZJONI 124/2015**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lill-Kunsillier Ralph Puli sabiex iressaq il-mozzjoni nru 124/2015:

*Billi l-Kunsill Lokali Qormi huwa kommess li joffri kwalita' ta' ħajja aħjar lill-familji, tfal, żgħażagħ u anzjani residenti f'Ħal Qormi*

*U billi l-Kunsill Lokali Qormi huwa kommess li t-toroq f'Ħal-Qormi ikunu siguri.*

*Nipproponi li l-Kunsill Lokali Qormi jressaq talba lil Gvern Ċentrali biex jinstalla bozoz fl-inħawi magħrufa bħala tal-Erbgħa Qaddisin (ħdejn ir-roundabout tal-Monument ta' Pinto) minħabba ż-żieda fit-traffiku fl-inħawi u minħabba ż-żieda fl-użu tal-madwar minħabba d–diversi faċilitajiet li jeżistu llum.*

.

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** issekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Tmien** Kunsilliera (08) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova** l-mozzjoni 124-2015(VI). Peress li din hija triq arterjali il-Kunsill ħa jressaq it-talba lil Transport Malta.

## 39/05 RAPPORTI

### 39/05/01 APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT FINANZJARJU GĦAS-SENA 2014 GĦALL-AWDITJAR

Wara l-preżentazzjoni mressqa mill-accountant tal-Kunsill, fejn fis-sena 2014 kien hemm kontroll tajjeb tal-ispiza ħdejn is-snin preċedenti tant li l-Kunsill irnexxielu ma jibqax taħt deficit, izda jħalli surplus ta' Eur47,000. **Is-Sindku Rosianne Cutajar** irrimarkat dan il-punt u sostniet li l-Kunsill ħadem bil-għaqal ħafna biex minn deficit ta' Eur105,986 irreġistrat fis-sena 2012, fi żmien sentejn irnexxielu jħalli *surplus*. Dan tejjeb is-sitwazzjoni tal-likwidita' tal-Kunsill.

**Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** irrimarka li l-Kunsill irid jagħmel sforz biex jipprova jdaħħal xi flus miċ-ċitazzjonijiet li baqgħu pendenti u huma dovuti lill-Kunsill.

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** irringrazzjat lill-accountant tax-xogħol tiegħu kif ukoll tas-Segretarju Eżekuttiv li b'attenzjoni irnexxielhom itejbu is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill biex il-Kunsill jkun f'pożizzjoni finanzjarja aħjar u jkun jista' jwettaq proġetti kapitali u ta' manutenzjoni.

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' dan ir-rapport finanzjarju għas-sena 2014 sabiex ikun jista' jibda l-awditjar.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Tmien (08) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova din il-mozzjoni sabiex dan ir-Rapport Finanzjarju jkun jista' jinbagħat lil Awditur Ġenerali u lill-Awditur. DOK B**

**39/05/02 APPROVAZZJONI TAL-ESTIMI ANNWALI GĦAS-SENA 2015 U PJAN TA' ĦIDMA**

Wara l-preżentazzjoni mressqa mill-accountant tal-Kunsill, is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-Estimi Annwali għas-sena 2015 liema rapport tressaq fil-laqgħa annwali tal-lokalita'. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li inżammu l-istess figuri skont dak li ġie stmat fis-sena preċedenti u l-ispiża attwali għall-istess sena u saru xi modifiki fejn kien hemm bidla fil-kuntratti matul is-sena. Għal din is-sena se jkun fadal Eur104,000 għal spejjeż kapitali fejn bihom għandu jsir asfaltar ta' toroq u bankini ġodda kif ukoll monument li jikkommemora l-isport u ieħor lill-Vittmi tal-logħob tan-nar.

Ġie spjegat li l-Pjan ta' Ħidma 2015-2017 saru l-modifiki skont l-Estimi Annwali 2015.

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-Estimi Annwali 2015 u l-Pjan ta' Ħidma 2015-17. **DOK 'C - D'**

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** issekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Tmien** Kunsilliera (08) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova** l-Estimi Annwali 2015 u l-Pjan ta' Ħidma 2015-2017.

**39/05/03 ABBOZZ TAL-FTEHIM: UŻU TAS-SALA TAĦT IT-TEATRU GRIEG**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lis-Segretarju Eżekuttiv iressaq l-abbozz tal-ftehim dwar l-uzu tas-sala taħt it-Teatru Grieg sabiex ikun jista' jintuża għall-wiri ta' presepju permanenti kif ġie deċiż fil-laqgħa preċedenti.

Dan il-presepju għandu jservi bħala attrazzjoni turistika fil-lokalita'. Il-ftehim jistipula li jekk dan il-presepju ma jkunx lest sal-aħħar tas-sena l-ftehim jaqa' u jkun irid isir żgumbrament tas-sala.

Il-Kunsill qabel unanimament li japprova dan l-abbozz u għaldaqstant dan il-ftehim għandu jiġi ffirmat fil-ġranet li ġejjin.

**DOK 'E'**

**39/05/04 ABBOZZ TAS-SEJĦA TAL-OFFERTA TAL- KIRI TA' GABBANA FI ĠNIEN DE LA CRUZ**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lis-Segretarju Eżekuttiv biex iressaq l-abbozz tas-sejħa tal-offeri għall-kiri tal-gabbana li hemm fi Ġnien De La Cruz peress li l-kuntratt eżistenti wasal biex jiskadi.

Il-Kunsill approva *nem.con* dan l-abbozz u għaldaqstant għandha toħroġ is-sejħa tal-offerti fil-ġranet li ġejjin.

**DOK 'F'**

**39/05/05 ABBOZZ TAS-SEJĦA TA' KWOTAZZJONIJIET DWAR SERVIZZI MILL-BANED**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lis-Segretarju Eżekuttiv biex iressaq l-abbozz tas-sejħa tal-kwotazzjonijiet dwar servizzi minn baned. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li dan l-abbozz sarulu modifiki żgħar sabiex jkun skont ir-regolamenti finanzjarji.

**Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** ġibed l-attenzjoni sabiex qabel isir l-iffirmar għandhom jiġu msejjħa l-baned sabiex tinġibed l-attenzjoni li hemm bżonn li l-kunċerti annwali għandhom ikunu ta' livell għoli għaliex dan l-aħħar dawn il-kunċerti naqqsu mill-livell mixtieq.

Il-Kunsill qabel *nem.con* li japprova l-abbozz u tinħareġ is-sejħa filwaqt li għandha ssir laqgħa mal-baned dwar il-livell mixtieq fis-servizzi tagħhom.

**DOK 'G'**

**39/05/06 ABBOZZ TAS-SEJĦA TAL-OFFERTI GĦAS-SERVIZZ TAŻ-ŻAMMA TA' LATRINI PUBBLIĊI B'MOD LI MA TAGĦMILX ĦSARA LILL-AMBJENT**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lis-Segretarju Eżekuttiv biex iressaq l-abbozz tal-offerta għas-servizz taż-żamma u manutenzjoni tal-latrini pubbliċi.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-applikanti prospettivi se jkollhom l-għażla li jissottomettu l-offerta għall-kwalunkwe latrina pubblika kif ukoll għal-latrini pubbliċi kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li din is-sena din l-offerta qed tinħareġ bir-rekweżiti tal-*Green Public Procurement*.

Il-Kunsill approva *nem.con* l-abbozz tal-offerta u għaldaqstant għandha tiġi ppublikata fil-ġranet li ġejjin.

**DOK 'H'**

**38/06 KORRISPONDENZA**

**38/06/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-korrispondenza dwar: **DOK 'J 1-4'**

1. Korrispondenza mill-Awtorita' Maltija dwar l-Ippjanar u l-Ambjent dwar applikazzjoni PC01-2015 li tikkonsisti f'bini ta' blokka residenzjali fi green area. Il-Kunsill iddeċieda li jibgħat l-oġġezzjoni tiegħu peress li dan l-iżvilupp ppropost se jkompli jnaqqas iż-żona rurali tal-lokalita' filwaqt li din il-blokka residenzjali se tkun viċin ta' rziezet li skont il-policies tal-MEPA dan mhuwiex aċċetat.

2. Korrispondenza mingħand l-ANSEK (Assoċjazzjoni Nazzjonali tas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali Malta) dwar Premju Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku Rosianne Cutajar irrimarkat li hija se tkun qed tinnomina lis-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat, liema nomina se tkun issekondata mill-Kunsillier Ralph Puli. Il-kumplament tal-Kunsilliera awguraw lis-Segretarju Ezekuttiv għal dan il-Premju.

**39/07 AĠĠORNAMENT**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 9 ta' Marzu 2015 fis-6.30 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fit-08:35 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Rosianne Cutajar | Kenneth Brincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Minuti approvati llum ........................ ......... ta' ....................... 2015.